MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2009

Numru. 1074/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR ANTHONY PORTELLI**
**KONTRA**

**TERENCE VELLA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Terence Vella ta' 26 sena, bin Francis u Mary Anne nee' Cassar, mwieled Pieta' nhar it- 22 ta' Gunju 1982, residenti gewwa 'Prison Inmate Program' 'Sant Anna' Triq il- Wirt Naturali, Bahar ic- Caghaq u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 339582(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) Gewwa l- Msida, f' xi hin bejn is- 2.00pm u l- 3.45pm ta' nhar is- 27 ta' April 2005, ikkommetta serq ta' stereo tal- ghamla Ultravox valur €116.47 minn vettura tal- ghamla Ford Escort, bin- numru tar- registrazzjoni KAG 686 ghad- detriment ta' Roberto Farrugia u/ jew persuni ohra, liema serq huwa kwalifikat bil- mezz u bix- xorta tal- haga misruqa;

2) Talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe' hsara fl- imsemmija vettura KAG- 686, liema hsara li teccedi €23.29 izda inqas minn €116.47, saret ghad- dannu tal- imsemmija Roberto Farrugia u/ jew persuni ohra;

Il- Qorti hija mitluba li f' kaz ta' htija titratta lill- imputat bhala li sar recediv ai terminu tal- Artikoli 49, 50 u 289 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta b'sentenza tal- Qorti tal- Magistrati, Magistrat Dott. Antonio Mizzi LL.D datata 10 ta' Lulju 2004, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tigi mibdula.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi dan ir-reat jirrisali ghal kwazi hames snin ilu, meta l-imputat kien ghaddej minn zmien difficli hafna f' hajtu. Di fatti l-fedina penali tieghu turi diversi kundanni ta' reati ohra mwettqa f'dak il-perijodu. Fil-frattemp, izda, l-imputat attenda ghal u temm b' success program ta' rijabilitazzjoni mid-dipendenza fuq id-droga, kif irrizulta minn dokument esebit fl-atti mill-agenzija Caritas. Jidher ghalhekk li l-imputat biddel id-direzzjoni zbaljata li kien ha f'hajtu, u llum jinsab reintegrat fis-socjeta'. Ghalhekk il-Qorti, fl-applikazzjoni tal-piena, sejra tkun klementi fil-konfront tal-imputat, peress illi m'hux fl-interess tal-gustizzja li llum l-imputat ihallas ghal zball kommess minnu hames snin ilu, meta lest jaghmel tajjeb b' mezzi ohra aktar adegwati.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 263, 271, 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Tordna lill imputat ihallas is-somma ta' seba mitt ewro (€700) lil Roberto Farrugia f' rati mensili ta' mitt ewro (€100) ai terminu tal- Artikolu 24 tal- Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------